DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 244/2017

tal-15 ta' Diċembru 2017

li temenda l-Anness XV (Għajnuna mill-Istat) tal-Ftehim ŻEE [2019/1650]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bulletin KE 9-1984 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KEE għal intrapriżi li jappartjenu lil awtoritajiet pubbliċi ġie inkluż fil-linji gwida tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar l-intrapriżi li jappartjenu lil awtoritajiet pubbliċi ([1]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(2) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(89) D/4328 tal-5 ta' April 1989 ġiet sostitwita mill-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-istat f'forma ta' garanzija ([2]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(3) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(89) D/12772 tat-12 ta' Ottubru 1989 ġiet sostitwita mill-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-istat f'forma ta' garanzija ([3]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-qafas Komunitarju għall-għajnuna lill-industrija tat-tessuti (SEC(71) 363 Finali – Lulju 1971) ġiet sostitwita mill-qafas Multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ([4]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(5) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(77) D/1190 tal-4 ta' Frar 1977 u l-Anness (SEC(77) 317, 25.1.1977): Eżami tas-sitwazzjoni preżenti rigward għajnuniet lill-industriji tat-tessuti u tal-ħwejjeġ ġiet sostitwita mill-Qafas multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ([5]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna lill-industriji tal-fibri sintetiċi tal-KEE ([6]) u estensjonijiet sussegwenti ġew sostitwiti mill-Kodiċi dwar l-għajnuna lill-industrija tal-fibri sintetiċi ([7]), li ġie sostitwit mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Qafas multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ([8]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għal din il-Komunikazzjoni titħassar mill-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1.
([2]) ĠU C 71, 11.3.2000, p. 14.
([3]) ĠU C 71, 11.3.2000, p. 14.
([4]) ĠU C 107, 7.4.1998, p. 7.
([5]) ĠU C 107, 7.4.1998, p. 7.
([6]) ĠU C 173, 8.7.1989, p. 5.
([7]) ĠU C 94, 30.3.1996, p. 11.
([8]) ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8.

(7) Il-Qafas Komunitarju dwar għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-vetturi bil-mutur ([9]) ġie sostitwit mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Qafas multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ([10]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(8) Il-Qafas Komunitarju dwar għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-vetturi bil-mutur ([11]) ġie sostitwit mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Qafas multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ([12]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(9) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 1971 dwar sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali ([13]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([14]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(10) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 1971 dwar sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali ([15]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([16]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(11) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([17]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(12) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 1978 dwar sistemi ta' għajnuna reġjonali ([18]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([19]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(13) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3)(a) u (c) għal għajnuna reġjonali ([20]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([21]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Komunikazzjoni tal-21 ta' Dicembru 1978 ([22]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([23]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(15) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3)(c) għal għajnuna reġjonali ([24]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([25]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

([9]) ĠU C 123, 18.5.1989, p. 3.
([10]) ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8.
([11]) ĠU C 81, 26.3.1991, p. 4.
([12]) ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8.
([13]) ĠU C 111, 4.11.1971, p. 1.
([14]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([15]) ĠU C 111, 4.11.1971, p. 7.
([16]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([17]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([18]) ĠU C 31, 3.2.1979, p. 9.
([19]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([20]) ĠU C 212, 12.8.1988, p. 2.
([21]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([22]) ĠU C 10, 16.1.1990, p. 8.
([23]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([24]) ĠU C 163, 4.7.1990, p. 5.
([25]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.

(16) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3)(a) għal għajnuna reġjonali ([26]) ġiet sostitwita mil-Linji ta' gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali ([27]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(17) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri S/74/30.807 tas-7 ta' Novembru 1974 ġiet sostitwita mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali ([28]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(18) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(80) D/8287 tas-7 ta' Lulju 1980 ġiet sostitwita mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali ([29]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(19) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri (Anness għall-ittra tas-7 ta' Lulju 1980) ġiet sostitwita mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali ([30]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(20) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(87) D/3795 tad-29 ta' Marzu 1987 ġiet sostitwita mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali ([31]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(21) Il-qafas Komunitarju għal għajnuniet mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp ([32]) ġie rivedut mill-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp ([33]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(22) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(90) D/01620 tal-5 ta' Frar 1990 ġiet riveduta mill-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp ([34]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(23) L-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(79) D/10478 tal-14 ta' Settembru 1979 ġiet riprodotta fl-Iskemi Ġenerali ta' Għajnuna għall-Investiment tar-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat (il-"Linji Gwida tal-Għajnuna mill-Istat") ([35]) u sussegwentement tħassret bit-63 emenda tal-Linji Gwida tal-Għajnuna mill-Istat ([36]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għaliha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(24) Il-kontroll tal-għajnuna għas-salvataġġ u l-istrutturar mill-ġdid (it-Tmien Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-punt 228) ġie sostitwit mil-Linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' intrapriżi f'diffikultà ([37]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(25) Is-Sittax-il Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-punt 253, ġie riprodott fil-Linji Gwida tal-Għajnuna mill-Istat ([38]) li sussegwentement ġew sostitwiti mil-Linji Gwida dwar għajnuna għall-impjiegi ([39]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

([26]) ĠU C 163, 4.7.1990, p. 6.
([27]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([28]) ĠU C 72, 10.3.1994, p. 3.
([29]) ĠU C 72, 10.3.1994, p. 3.
([30]) ĠU C 72, 10.3.1994, p. 3.
([31]) ĠU C 72, 10.3.1994, p. 3.
([32]) ĠU C 83, 11.4.1986, p. 2.
([33]) ĠU C 45, 17.2.1996, p. 5.
([34]) ĠU C 45, 17.2.1996, p. 5.
([35]) ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1.
([36]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 23.
([37]) ĠU C 368, 23.12.1994, p. 12.
([38]) ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1.
([39]) ĠU C 334, 12.12.1995, p. 4.

(26) L-Għoxrin Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-punt 280, ġie riprodott fil-Linji Gwida tal-Għajnuna mill-Istat ([40]) li sussegwentement ġew sostitwiti mil-Linji Gwida dwar għajnuna għall-impjiegi ([41]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(27) Il-Qafas għal ċerti setturi tal-azzar li mhumiex koperti bit-Trattat tal-KEFA ([42]) ġie sostitwit mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Qafas multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ([43]) u konsegwentement jenħtieġ li r-referenza li ssir għalih titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(28) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness XV tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XV tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. In-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja tiżdied wara t-test "Fl-applikazzjoni tal-Artikoli 61 sa 63 tal-Ftehim u d-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness, il-Kummissjoni tal-KE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom debitament jagħtu kas tal-prinċipji u regoli li jinsabu fl-atti li ġejjin:" li jinsab taħt l-intestatura "*ATTI LI TAGĦHOM IL-KUMMISSJONI TAL-KE U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KAS*":

"F'konformità mal-Paragrafu II tas-Sezzjoni Ġenerali, l-Atti korrispondenti għall-Atti adottati mill-Kummissjoni tal-KE wara l-31 ta' Lulju 1991 biex jikkomplementaw jew jissostitwixxu l-Atti adottati qabel il-31 ta' Lulju 1991 inizjalment elenkati taħt din l-intestatura huma adottati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex jinżammu kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, iżda mhumiex inklużi f'dan l-Anness."

2. It-testi tal-punti 9 (l-Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KEE għal intrapriżi li jappartjenu lil awtoritajiet pubbliċi), 11 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(89) D/4328), 12 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(89) D/12772), 13 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-qafas Komunitarju għall-għajnuna lill-industrija tat-tessuti), 14 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(77) D/1190 u l-Anness (Dok. SEC(77) 317, 25.1.1977)), 15 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna lill-industriji tal-fibri sintetiċi tal-KEE), 16 (il-Qafas Komunitarju dwar għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-vetturi bil-mutur), 17 (il-Qafas Komunitarju dwar għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-vetturi bil-mutur), 18 (ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 1971 dwar sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali), 19 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 1971 dwar sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali), 20 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali), 21 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 1978 dwar sistemi ta' għajnuna reġjonali), 22 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3)(a) u (c) għal għajnuna reġjonali), 23 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Komunikazzjoni tal-21 ta' Dicembru 1978), 24 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3)(c) għal għajnuna reġjonali), 25 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3)(a) għal għajnuna reġjonali), 26 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri S/74/30.807), 27 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(80) D/8287), 28 (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri (Anness għall-ittra tas-7 ta' Lulju 1980)), 29 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(87) D/3795), 30 (il-qafas Komunitarju għal għajnuniet mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp), 31 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(90) D/01620), 32 (l-Ittra mill-Kummissjoni lill-Istati Membri SG(79) D/10478), 33 (il-kontroll tal-għajnuna għas-salvataġġ u l-istrutturar mill-ġdid), 35 (is-Sittax-il Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-punt 253), 36 (l-Għoxrin Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-punt 280) u 37 (il-Qafas għal ċerti setturi tal-azzar li mhumiex koperti bit-Trattat tal-KEFA) taħt l-intestatura "*ATTI LI TAGĦHOM IL-KUMMISSJONI TAL-KE U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KAS*" jitħassru.

([40]) ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1.
([41]) ĠU C 334, 12.12.1995, p. 4.
([42]) ĠU C 320, 13.12.1988, p. 3.
([43]) ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8.

3. It-test fil-Paragrafu I taħt l-intestatura "*TAGĦRIF ĠENERALI*" taħt l-intestatura "*ATTI LI TAGĦHOM IL-KUMMISSJONI TAL-KE U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KAS*" jitħassar.

4. L-aħħar sentenza tal-Paragrafu II taħt l-intestatura "*TAGĦRIF ĠENERALI*" taħt l-intestatura "*ATTI LI TAGĦHOM IL-KUMMISSJONI TAL-KE U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KAS*" tinbidel bis-sentenza li ġejja:

"Fl-applikazzjoni tal-Artikoli 61 sa 63 tal-Ftehim u d-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness, il-Kummissjoni tal-KE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom debitament jagħtu kas tal-prinċipji u regoli li jinsabu f'dawn l-atti."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Sabine MONAUNI

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.